**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 09 ta' Marzu, 2017**

**Citazzjoni Nru: 893/2007 AF**

**Colette Schembri**

**vs**

**Tabib Principali tal-Gvern fil-kapacità tieghu bhala Supretendent tas-Sahha Pubblika u bhala l-Awtorità dwar il-Licenzjar**

**Awtorità dwar il-Medicini**

**Ministru tas-Sahha**

**L-Avukat Generali u**

**l-Awtorità tad-Djar li giet kjamata fir-rikors b'digriet tal-31 ta' Ottubru 2007**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi Colette Schembri li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Ir-rikorrenti akkwistat hanut bla numru u bla isem li ghandu access privat fuq Triq San David, l-Imtarfa, limiti tar-Rabat, formanti parti minn blokk bla numru u bla isem però immarkat mhux ufficjalment bhala blokk ittra A fit-Town Centre tal-Imtarfa u dan skond kuntratt tal-10 ta' Mejju 2001 fl-atti tan-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument CS1.

Ai termini tal-istess kuntratt, ir-rikorrenti kienet obbligata li tuza l-fond fuq indikat bhala spizerija 'pharmacy' u dan ai termini ta' klawsola (6) tal-istess kuntratt fuq imsemmi liema klawsola giet imposta mill-Awtorità tad-Djar.

Din il-kundizzjoni giet approvata ukoll wara l-hrug tal-permess numru 2317/93 tal-Awtorità tal-Ippjanar li approvat li dan il-fond ghandu jigi uzat bhala spizerija u dan kif jirrizulta mill-istess applikazzjoni.

Fit-2 ta' Settembru 1998 ir-rikorrenti applikat mad-Dipartiment tas-Sahha Pubblika biex jinhargilha permess biex hija tkun tista' tezercita l-professjoni ta' spizjara mill-fond imsemmi li kellu jkun maghruf bhala 'Mtarfa Pharmacy' fl-Mtarfa Government Estate, Town Centre, Mtarfa u dan a tenur tal-permessi governattivi già mahruga u approvati.

Fit-2 ta' Settembru 1998 id-Dipartiment tas-Sahha Pubblika gharrafha li l-applikazzjoni taghha waslet lid-Dipartiment u li kienet qed tigi mistharrga li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument CS2.

Minn dak iz-zmien sal-gurnata tal-lum, hija la rceviet rifjut ta' tali applikazzjoni u lanqas li din l-applikazzjoni giet accetata imma biss li l-intimati informawha li hemm 'administrative freeze' li qed jigi applikat in konfront tal-hrug ta' kull licenzja li jirrigwardjaw l-ispizeriji u dan kif jirrizulta minn ittra tal-4 ta' Lulju 2003 mibhguta lir-rikorrenti mid-Dipartiment tas-Sahha li qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument CS3.

Kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza dan l-'administrative freeze' ma jezistix u jekk xi darba kien jezisti, huwa abbuziv,

illegali u ultra vires stante li ma johrogx mill-ligi principali u gie mpost mit-Tripartite Committe li la ghandu bazi legali.

Barra minn hekk mill-applikazzjoni tar-rikorrent sal-gurnata tal-lum l-intimati hargu tmien licenzji ohra ghall-uzu ta’ fondi bhala spizeriji.

Kull applikazzjoni ghal hrug ta’ tali licenzja ghandha tigi deciza mill-intimati u minn hadd aktar u ghalhekk in-nuqqas ta’ decizjoni li jaccettaw u/jew jirrifjutaw tali licenzja hija abbuz ta’ diskrezzjoni amministrattiva imposta fuqhom mill-ligi u abbuz ta’ poter.

Ir-rikorrenti Colette Schembri hija spizjara u qed tigi mcahhda milli tezercita l-professjoni taghha ta’ spizjara mill-fond ‘Mtarfa Pharmacy’ fl-Mtarfa Government Estate, Town Centre, Mtarfa u dan minkejja illi hija ghandha l-kwalifiki kollha skond il-ligi biex l-istabbilment imsemmi tinhariglu licenzja biex tkun tista’ toperah bhala spizerija.

Ir-rikorrenti taghmel riferenza ghall-applikazzjoni minnha intavolata lill-intimati biex ikollha spizerija f’Mtarfa Goivernment Estate, Town Centre, Mtarfa liema applikazzjoni intbaghtet lill-intimati fit-2 ta’ Settembru 1998 u ghandha riferenza nru. DH 57/98/15.

L-intimati skond il-ligi huma awtorizzati biex jezercitaw il-poteri amministrattivi moghtija lilhom u m’ghandhom ebda awtorità biex jiddelegaw tali poter f’isejn it-Tripartite Committe ossija rapprezentanti tal-Ministru tas-Sahha, GRTU u Kamra tal-Ispizjara u ma jistghux japplikaw l-‘administrative freeze’ li la tohrog mill-ligi u lanqas mir-regolamenti.

Ghalhekk l-intimati qed jonqsu mid-doveri taghhom skond il-ligi meta huma uzaw diskrezzjoni amministrattiva b’mod abbuziv u llegali u cioè li ddekadew milli jiddeciedu jekk ghandix tinhareg licenzja o meno tar-rikorrenti meta ghandha l-kwalifiki kollha necessarji skond il-ligi biex hija tigi moghtija tali licenzja ta’ uzu tal-fond l-Mtarfa bhala spizerija.

It-talba ghan-nuqqas tal-intimati li jiddeciedi fuq il-hrug o meno ta' tali licenzja ta' uzu ta' fond bhala spizerija minhabba 'administrative freeze' huma abbuzivi u llegali u jilledi d-drittijiet civili u kostituzzjonali tar-rikorrenti.

Ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza illi fl-Imtarfa l-unika applikazzjoni vijabbli u skond il-ligi hija tar-rikorrenti stante illi l-applikazzjonijiet l-ohra huma ta' persuna li digà ghandha spizerija fl-istess belt jew rahal, haga projbita mill-ligi ossija l-Artikolu 6 tar-Regolamenti tat-2003 Dwar il-Licenzji ghal Spizeriji ossija dawk maghmula taht l-Att III tal-2003.

Barra minn hekk, il-Kunsill Lokali tal-Mtarfa ghamel rapprezentazzonijiet tal-Ministeru tas-Sahha biex tali applikazzjoni ghall-hrug ta' tali licenzja tigi minnufih approvata però minkejja r-ragunijiet umanitarji, xorta wahda l-intimati ddekadew mill-obbligi taghhom skond il-ligi li jiddeciedu jekk ghandhiex tinghata licenzja lir-rikorrenti biex topera spizerija mill-istess Mtarfa u dan kif jirrizulta minn diversi ittri hawna nnessi u mmarkati bhala dokument CS4 sa CS6 datati 9 ta' Ottubru 2000, 19 ta' Ottubru 2000, 21 ta' Novembru 2003.

Ukoll ir-rikorrenti ghandha dritt tiftah din it-tali spizerija f'Mtarfa Government Estate, Town Centre, Mtarfa ghax ghandha l-kwalifiki kollha necessarji skond il-ligi biex dan isir peress illi meta tiehu in konsiderazzjoni t-tibdil demografiku kif ukoll l-influss kbir ta' nies fl-Imtarfa hemm htiega li din it-tali licenzja tinhareg kif del resto gie kkonfermat mill-istess Kunsill Lokali.

Huwa inkongruwu, abbuziv u llegali illi l-intimati jippretendu illi l-applikazzjoni biex tigi pprocessata applikazzjoni ghal ftuh ta' spizerija ghandha tiehu disa' snin ghax dan jikkostitwixxi abbuz ta' diskrezzjoni amministrattiva.

Huwa evidenti illi l-intimati, b'mod abbuziv u illegali u ghar-ragunijiet mhux xierqa agixxew jew naqsu li jagixxu billi jaghtu licenzja lir-rikorrenti biex topera spizerija f'Mtarfa Government Estate, Town Centre, Mtarfa kif ghandha dritt taghmel skond il-ligi.

L-intimati naqsu milli jwiegbu ghat-talbiet tal-esponenti fi zmien utili biex huma jispjegaw ir-raguni ghan-nuqqas ta' rifjut kif ukoll naqsu milli jwiegbu ghat-talbiet tar-rikorrenti biex bhala awtorità pubblika jaghtu r-ragunijiet skond il-ligi ghaliex ir-rikorrenti ma tistax tiftah spizerija fil-fond taghha f'Mtarfa Government Estate, Town Centre, Mtarfa biex ukoll tkun tista' tezercita l-professjoni tieghu ta' spizjar kif sancit mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea u mit-Trattat tal-Unjoni Ewropea.

Ukoll bhala awtorità pubblika l-intimati naqsu milli jaghtu ragunijiet validi ghaliex applikaw 'administrative freeze' meta din ma tirrizultax mill-ligi u tmur kontra d-drittijiet fundamentali u jekk kienet tezisti, illum m'ghadiex tezisti kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghalhekk kull ghemil f'dan is-sens minnhom maghmul huwa ultra vires, abbuziv u llegali.

L-ghemil amministrattiv ossija l-'administrative freeze' u ghalhekk in-nuqqas tal-intimati li jikkunsidraw l-applikazzjoni tar-rikorrenti fuq il-merti taghha u fi zmien utili meta applikat biex ikollha licenzja ta' spizerija tikser u tivvjola d-drittijiet tar-rikorrenti oltre li tikser il-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Konvenzjoni Ewropea u t-Trattat Ewropew u jcahhad lic-cittadin mid-drittijiet u l-libertajiet tieghu u jikkostitwixxi abbuz tas-setgha tal-awtorità pubblika ossija l-intimati billi dan sar ghal ghanijiet mhux xierqa u msejsa fuq konsiderazzjonijiet ohra.

Barra minn hekk ghandu jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza wkoll minn korrispondenza tal-Ministru tas-Sahha li r-rikorrenti ghandha f'idejha illi mhux minnu li hemm 'administrative freeze' fuq il-hrug ta' licenzji u dan stante li d-Dipartiment tas-Sahha seta' jikkunsidra l-applikazzjonijiet kollha konnessi mal-hrug ta' dawn il-licenzji u ghalhekk tali rifjut mill-Awtorità Dwar il-Medicini u mill-intimati l-ohra kienet ibbazata mhux fuq il-ligi u r-regolamenti imma kif digà nghad fuq kunsidrazzjonijiet ohra abbuzivi u llegali.

Anke kieku kien jezisti dan l-'administrative freeze' dan huwa ultra vires il-poteri tal-intimati stante li mhux approvat mill-Kamra tar-Rapprezentanti u mhux sanzjonat mill-ligi.

Inoltre l-'administrative freeze' ikun qed jikser mhux biss id-drittijiet fundamentali tal-bniedem ghax qed icahhad lir-rikorrenti minn xogholu kif sancit mill-Article (1) u (2) tal-European Social Charter imma wkoll id-direttivi u r-regolamenti tal-Unjoni Ewropea fuq Fair Competition.

Id-dritt ghax-xoghol huwa dritt sancit mill-Kostituzzjoni u stabbilit fl-Artikli 7, 12, 14 u 21 tal-Kostituzzjoni u Article (II-75) tat-Trattat li jistabilixxi l-Kostituzzjoni Ewropea kif elenkati fil-Libertajiet tac-Charter of Fundamental Rights tal-Unjoni Ewropea, klawsola 1(2) tal-European Social Charter oltre d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem adottata mill-Assemblea Generali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-Artiklu (23) u fl-Artiklu (6) tal-Konvenzjoni Internazzjonali on Economic Social and Cultural Right li Malta hija firmatarja taghha.

Din il-projbizzjoni ghal hrug ta' licenzja mill-intimati biex ir-rikorrenti jkun jista' jezercita l-professjoni tieghu mil-fond f'Mtarfa Government Estate, Town Centre, Mtarfa, hija vjolazzjoni ta' dritt ta' proprjetà u diskriminatorja in konfront tieghu vis a vis nies ohra mill-istess professjoni kif ukoll vis a vis professjonijiet ohra li m'ghandhom bzonn l-ebda licenzja biex joperaw minn xi fond, u dan bi vjolazzjoni tal-Artikli 37 u 45 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea.

L-ghemil li bih ir-rikorrenti giet imcahhda mill-intimati milli tinghata il-licenzja biex topera spizerija f'Mtarfa Government Estate, Town Centre, Mtarfa tohloq vjolazzjoni tal-Artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u cioè tad-dritt tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjetà kif ukoll tal-Artiklu 14 mehud in konsiderazzjoni mal-Artiklu 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja u cioè diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti fit-tgawdija tal-proprjetà taghha.

Ghalhekk in-nuqqas tal-intimati li jiddeciedu u jew li jirrifjutaw li r-rikorrenti tigi moghtija licenzja biex topera spizerija f'Mtarfa Government Estate, Town Centre, Mtarfa huwa ghemil abbuziv tas-setgha tal-intimati billi tali nuqqas ta' hrug ta' licenzja sar ghal ghanijiet mhux xierqa u gie msejjes fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti u mhux skond il-ligijiet tal-

pajjiz u ghalhekk ghandu jigi ddikjarat ultra vires, abbuziv u illegali.

Tali agir huwa abbuziv u llegali u ultra vires u jikser il-Kostituzzjoni billi l-intimati qed jiehdu in konsiderazzjoni kriterji li mhumiex stabbiliti u/jew li ma jissussistux fil-ligi ossija l-kriterju tal-'adminsitrative freeze' mentri n-nuqqas taghhom li johorgu tali licenzja ta' spizerija mill-fond f'Mtarfa Government Estate, Town Centre, Mtarfa huwa abbuziv u llegali u minkejja li r-rikorrenti tissodisfa l-kriterji stabbiliti mill-ligi u dan kontra l-Artikolu 469A(1)(b) tal-Kap. XII tal-Ligijiet ta' Malta.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi r-rikorrenti hija proprjetarja tal-fond bla numru u bla isem li ghandu access privat fuq Triq San David, l-Imtarfa, limiti tar-Rabat, formanti parti minn blokk bla numru u bla isem però mmarkat mhux ufficjalment bhala blokk ittra A fit-town centre tal-Imtarfa u dan skond kuntratt tal-10 ta' Mejju 2001 fl-atti tan-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument CS1 u li dan il-fond jista' jigi uzat biss bhala spizerija wara l-approvazzjoni mill-MEPA u mill-Awtorità tad-Djar u li ghandha l-kwalifiki kollha necessarji skond il-ligi biex ikollha u tinghata tali licenzja biex tiggestixxi spizerija f'Mtarfa Government Estate, Town Centre, Mtarfa.

2. Tiddikjara illi l-ghemil tal-intimati li naqsu milli jiddeciedu u jcahhdu lir-rikorrenti milli tinghata licenzja biex topera spizerija f'Mtarfa Government Estate, Town Centre, Mtarfa huwa abbuziv u illegali u dan stante illi agixxew ultra vires billi ma segwewx il-kriterji stabbiliti mill-ligi.

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-ghemil tal-intimati li cahhdu lir-rikorrenti milli tinghata licenzja biex topera spizerija f'Mtarfa Government Estate, Town Centre, Mtarfa kien tas-setgha tal-intimati, billi tali rifjut sar ghal ghanjiet mhux xierqa u gie msejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti bhal 'administrative freeze'.

4. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-ghemil li bih ir-rikorrenti giet imcahhda mill-intimati milli tinghata l-licenzja biex topera spizerija f'Mtarfa Government Estate, Town Centre, Mtarfa tohloq vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni kemm tal-Artikli 7, 12, 14 u 21 tal-Kostituzzjoni u Article (II-75) tat-Trattat li jistabilixxi l-Kostituzzjoni Ewropea kif elenkati fil-Libertajiet tac-Charter of Fundamental Rights tal-Unjoni Ewropea, klawsola 1(2) tal-European Social Charter oltre d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem adottata mill-Assemblea Generali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-Artiklu (23) u fl-Artiklu (6) tal-Konvenzjoni Internazzjonali on Economic Social and Cultural Right li Malta hija firmitarja taghha u billi tivvjola d-dritt tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjetà a tenur tal-Artiklu 37 tal-Kostituzzjoni u 45 tal-istess Kostituzzjoni billi tivvjola l-projbizzjoni kontra d-diskriminazzjoni.

5. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-ghemil li bih ir-rikorrenti giet imcahhda mill-intimati milli tinghata licenzja biex topera spizerija f'Mtarfa Government Estate, Town Centre, Mtarfa, tohloq vjolazzjoni tal-Artiklu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja u cioè tad-dritt tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjetà kif ukoll tal-Artiklu 14 mehud in konsiderazzjoni mal-Artiklu 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja u cioè diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti fit-tgawdija tal-proprjetà taghha.

6. Tordna lill-intimati jew min minnhom biex jaghtu licenzja lir-rikorrenti biex tkun tista' topera spizerija mill-fond bla numru u bla isem li ghandu access privat fuq Triq San David, l-Imtarfa, limiti tar-Rabat, formanti parti minn block bla numru u bla isem però immarkat mhux ufficjalment bhala blokk ittra A fit-town centre tal-Imtarfa li ser ikun maghruf bhala 'Mtarfa Pharmacy', f'Mtarfa Government Estate, Town Centre, Mtarfa u dan fi zmien qasir u perentorju stabbiliti minn din il-Qorti.

7. Fin-nuqqas illi l-intimati jew min minnhom jaghtu licenzja lir-rikorrenti biex tkun tista' topera spizerija f'Mtarfa Government Estate, Town Centre, Mtarfa fi zmien hawn

fuq stabbilit ghandu jigi kkunsidrat illi r-rikorrenti tkun tista' topera spizerija mill-fond fuq imsemmi.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Lulju 2007 u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni u b'riserva ghal kwalsiasi azzjoni ghad-danni spettanti lir-rikorrenti ghat-telf ta' profit minnha subit minhabba n-nuqqas ta' hrug ta' licenzja ghall-uzu tal-fond bhala spizerija.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern fil-kapaċità tiegħu bħala Supretendent tas-Saħħa Pubblika u bħala l-Awtorità dwar il-Liċenzjar, tal-Awtorità dwar il-Mediċini, tal-Ministru tas-Saħħa u tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha eċċepew illi:

Preliminarjament illi l-Avukat Generali u l-Ministru tas-Sahha mhumiex il-legittimi kontraddituri ghall-azzjoni a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12.

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghal premess, l-esponenti qeghdin jecepixxu formalment ukoll illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija preskritta ai termini tal-Artikolu 469A(3) bit-trapass ta' snin mid-data minn meta saret talba bil-miktub mir-rikorrenti sabiex tinghata decizjoni dwar din it-talba tar-rikorrenti u n-nuqqas ta' tali decizjoni jikkostitwixxi rifjut fi zmien xahrejn mindu tkun saret it-talba u dan ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 469A.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess il-pretensjonijiet vantati mir-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi r-rikorrenti ma ghandha ebda 'dritt' li tottjeni licenzja izda tali licenzja ghall-gestjoni ta' spizerija tinhareg a bazi ta' diversi konsiderazzjonijiet ta' interess pubbliku fosthom il-bzonn illi l-bejgh tal-medicini jkun jista' jigi regolat sewwa.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-politika dwar ir-regolamenti tal-ispizeriji hija applikata b'konsistenza u abbazi ta' konsiderazzjonijiet ta' interess

pubbliku u mhijiex animata minn xi motivi mhux xierqa jew konsiderazzjonijiet irrilevanti u ghalhekk ukoll mhijiex *ultra vires* il-poteri u l-funzjonijiet tal-esponenti.

In kwantu qed jigi allegat ksur tad-dritt fondamentali ghall-proprjetà t-talba hija karenti minn fondament kemm guridiku kif ukoll fattwali billi l-agir tal-awtorità pubblika bl-ebda mod ma jilledi d-dritt tar-rikorrenti stante illi l-awtorità pubblika ma hadet ebda proprjetà minghand ir-rikorrenti u, fl-ewwel lok, n-nuqqas ta' hrug ta' licenzja biex fil-fond in kwistjoni tigi gestita spizerija ma jikkostitwix interferenza fid-dritt ghat-tgawdija tal-proprjetà u, subordinatament, anke kieku kellu jikkostitwixxi interferenza din tkun interferenza li ma tilledix id-dritt fondamentali ghat-tgawdija tal-proprjetà stante illi hija gustifikata fl-interess generali tar-regolamentazzjoni idoneja tal-bejgh tal-medicini.

Il-fatt illi l-esponenti ghazel li jezercita d-dritt li taghtih il-ligi fl-ghoti ta' licenzji b'ebda mod ma jista' jitqies li jivvjola d-dritt tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjetà tieghu peress illi l-esponenti ghandu kull dritt li jaghmel kundizzjonijiet fl-interess pubbliku u fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni amministrattiva li taghtih il-ligi, liema diskrezzjoni qed jigi sottomess li f'dan il-kaz giet u qed tigi ezercitata fil-parametri permessi mill-istess ligi u tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Kostituzzjoni.

L-agir tal-esponenti mhux diskriminatorju stante illi l-agir tal-esponenti huwa konformi mal-lgi u huwa oggettivament gustifikat. Di più, r-rikorrenti ma indikatx il-bazi ta' tali allegazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali partikolarment fil-kuntest ta' din il-kawza illi hija intiza sabiex tistharreg agir amministrattiv fit-termini tal-Artikolu 469 tal-Kap. 12 u mhijiex kawza intavolata skond l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew l-Artikolu 4 tal-Kap. 319.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi fl-udjenza tal-31 ta' Ottubru 2007 din il-Qorti diversament presjeduta laqgħet it-talba tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern u ordnat illi tiġi msejħa fil-kawża l-Awtorità tad-Djar.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Awtorità tad-Djar illi permezz tagħha eċċepiet illi:

It-talbiet attrici fil-konfront tal-Aqtorità tad-Djar huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ebda wahda mit-talbiet fir-rikors promotorju ma hi diretta lejn jew ma tista' tigi esegwita mill-Awtorità tad-Djar u ghalhekk fil-konfront tal-Awtorità tad-Djar it-talbiet ghandhom jigu michuda.

Tant it-talba attrici ma tistax tigi diretta lejn u imwettqa mill-Awtorità tad-Djar illi l-attrici kienet opponiet ghat-talba tal-kjamata fil-kawza tal-Awtorità tad-Djar ghax probabbilment l-attrici hasset ukoll li l-presenza tal-Awtroità f'din il-kawza bhala parti kienet ser tkun superfluwa.

L-Awtorità tad-Djar ma ghandhiex setgha taghti permessi ghal hrug ta' licenzji ta' spizeriji u ghalhekk it-talba u lanjanza tal-attrici ma tistax tigi diretta jew espletata mill-kjamata in kawza.

Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijet l-ohra huwa naturali li kull kondizzjoni kontrattwali hija soggetta ghall-otteniment tal-varji licenzji u permessi ohra li jkunu necessarji li jinhargu mill-organi kompetenti ohra.  Madankollu l-Awtorità tad-Djar ma ssibx oggezzjoni u qatt ma sabet oggezzjoni u anzi ikkoperat, insistiet u dejjem qablet li l-fond jinghata permess biex jintuza bhala spizerija sabiex jaqdi n-nies tal-Imtarfa.

L-Awtorità tad-Djar dejjem hasset li l-izvilupp tal-imtarfa kien jinhtieg spizerija sabiex jinqeda l-pubbliku li hemm jghix fl-inhawi u kien ghalhekk li l-kuntratt ta' bejgh jinkludi fih klawsola numru 6.  Madankollu l-Awtorità tad-Djar ghalkemm taqbel li l-fond ghandu jinghata l-permessi necessarji mill-organi kompetenti sabiex jintuza bhala spizerija, sta ghall-

attrici biex tottjeni tali permessi li ma jiddependux u ma jinhargux mill-Awtorità tad-Djar.

Intant però l-hrug o meno tar-rikjesti licenzji u permessi ma jiddependix mill-Awtorità tad-Djar izda minn terzi u dan jirrizulta mill-ligi u ghalhekk kien u huwa fatt maghruf minn kulhadd inkluza mill-attrici. Intant ukoll gie rilevat li l-kuntratt jindika li l-attrici ghandha obbligu izda mhux dritt li tuza l-fond mixtri minnha bhala spizerija. Huwa evidenti li l-Awtorità tad-Djar mhux ser tinsisti ghat-twettiq ta' dak l-obbligu qabel ma jkun possibbli ghall-attrici li tottjeni l-permessi necessarji.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju mahtura mill-Qorti diversament presjeduta.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għal stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv skont l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12). Il-prinċipji li jirregolaw kawża ta' din ix-xorta huma ormai sew stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna.

Fil-kawża fl-ismijiet Lawrence Borg noe vs Gvernatur tal-Bank Ċentrali, deċiża fl-1 ta' Marzu 2004, din il-Qorti diversament presjeduta rriteniet illi:

> "*Illi llum huwa aċċettat li l-azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju msemmija fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija maħsuba biex tagħti rimedju lill-individwu dwar l-imġiba tal-awtorita' pubblika fil-konfront tiegħu. Is-setgħa li tingħata mill-imsemmi artikolu lill-Qorti fil-kompetenza tagħha ċivili dwar għemil amministrattiv hija jew (a) dik li tistħarreġ is-siwi ta' dak l-għamil jew (b) li tiddikjarah ma jiswiex jew mingħajr ebda effett. Dan tista' tagħmlu meta l-għemil jikser il-Kostituzzjoni jew meta jkun sar lil hinn mis-setgħa ta' min wettqu (ultra vires). F'din l-aħħar ipoteżi,*

*dan l-eċċess ta' setgħa jista' jirriżulta meta l-att isir minn awtorita' pubblika li ma tkunx awtoriżżata twettqu, jew meta dik l-awtorità, għalkemm ikollha setgħa twettaq dak l-għamil, tkun naqset li tħares il-prinċipji ta' ġustizzja naturali jew ħtieġa proċedurali li tabilfors trid tħares qabel ma tasal għal dak l-għamil, jew jekk l-għamil jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa ta' dik l-awtorita' billi jsir għal xi għan mhux xieraq jew fuq konsiderazzjoni irrilevanti, jew meta dak l-għamil imur b'kull mod ieħor li jkun kontra l-liġi. Bil-kelma "għamil", il-liġi tifhem ukoll ċaħda jew rifjut ta' talba li ssir minn persuna lil xi awtorita' pubblika;"*

Ingħad ukoll fl-istess sentenza:

*"Illi meta wieħed jitkellem dwar diskrezzjoni, wieħed tabilfors ikun qiegħed jara sitwazzjoni fejn trid issir għażla bejn iżjed minn linja waħda ta' azzjoni. Jekk m'hemmx għażla ta' iżjed minn triq waħda, allura wieħed ma jitkellimx dwar diskrezzjoni imma dwar dmir. F'dan il-kuntest, il-Qorti tħoss li għandha tiċċita din is-silta li hija minn xogħol ewlieni f'dan il-qasam u li, fil-fehma tagħha, tfisser b'mod ċar il-perm kollu tal-istħarriġ li hija mitluba tagħmel f'din il-kawża. Ingħad illi "To say that somebody has a discretion presupposes that there is no uniquely right answer to his problem. There may, however, be a number of answers that are wrong in law. . . . . The exercise of a discretion may be impugned directly or indirectly. The indirect method of challenge is the more common. A person aggrieved by the exercise of a discretionary power may, instead of attacking the merits of the exercise of the discretion, contend that the repository of the discretion has acted without jurisdiction or 'ultra vires' because of the non-existence of a state of affairs upon which the validity of the exercise of the discretion depends. Or he may contend that the repository of the discretion has failed to observe the rules of natural justice (if they are found to be applicable) or other essential procedural requirements. If his contentions are successful, the court will hold the discretionary act to be invalid, and the fact that the true reason for instituting proceedings will have been his dislike of the manner in which the discretion itself was exercised is*

*not a valid objection to the proceedings. . . . . The crucial question, however, is: In what circumstances and to what extent will the courts review the merits of the exercise of a statutory discretion which is neither made subject to appeal nor limited by the express provisions of a statute? The courts have repeatedly affirmed their incapacity to substitute their own discretion for that of an authority in which the discretion has been confided."*'[1]

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attriċi hija s-sid tal-ħanut mingħajr isem u mingħajr numru iżda li għandu aċċess privata fuq Triq San David, l-Imtarfa, formanti parti minn blokk bla numru u bla isem illi huwa mmarkat mhux uffiċjalment bħala Block A fit-Town Centre tal-Imtarfa, u dan skont kuntratt pubbliku datat 10 ta' Mejju 2001 fl-atti tan-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami. L-attriċi akkwistat dan il-ħanut mingħand l-Awtorità tad-Djar. Skont l-istess kuntratt, hija obbligata li tuża dan il-ħanut bħala spiżerija.

Qabel akkwistat dan il-ħanut l-attriċi kienet diġà applikat mad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika fit-2 ta' Settembru 1998 sabiex tingħata liċenzja biex topera spiżerija mill-imsemmi fond. Permezz ta' ittra datata 4 ta' Lulju 2003, l-attriċi, tramite l-konsulent legali tagħha, ġiet infurmata mill-Ministeru tas-Saħħa li l-applikazzjoni tagħha ma setgħetx tiġi pproċessata peress li kienet ġiet imposta '*administrative freeze*' fuq ħruġ ta' liċenzji ġodda għal spiżeriji.

Irriżulta mill-provi li permezz tal-Avviż Legali 117 tal-1996, ir-regolamenti dwar ħruġ ta' liċenzji għal spiżeriji ġew emendati b'dan illi tħassar ir-regolament numru 5 li kien jimponi kwota ta' spiżeriji għal kull raħal, biex b'hekk il-liġi wasslet għal-liberazzjoni kompleta tas-settur. Minħabba r-reazzjoni negattiva ta' diversi operaturi fis-settur, inkluż il-Kamra tal-Ispiżjara, l-awtoritajiet immedjatament imponew '*administrative freeze*' fuq liċenzji ġodda sakemm jintlaħaq ftehim dwar regolamenti ġodda.

[1] DeSmith & Evans Judicial Review of Administrative Action, 4a. Ediz. (1980) paġna 278-9.

Fl-istess żmien ġie ffurmat *Tripartite Committee* magħmul minn rappreżentanti tal-Gvern, il-GRTU, u l-Kamra tal-Ispiżjara. Maryanne Sant Fournier, president tal-Kamra tal-Ispiżjara spjegat li l-ftehim mal-Gvern kien illi waqt li dan il-kumitat kien qiegħed jaħdem fuq proposti għal regolamenti ġodda, il-Gvern ma joħroġx liċenzji ġodda għal spiżeriji sakemm l-applikazzjoni ma tiġix diskussa mal-imsemmi kumitat. Għaldaqstant, waqt li kienet fis-seħħ l-*administrative freeze* kienu ħarġu biss numru limitat ta' liċenzji f'każijiet eċċezzjonali. Mark Cilia, rappreżentant tal-Awtorità dwar il-Mediċini, jispjega li ma kienx hemm linji gwida dwar kif kellu jiddeċiedi fuq applikazzjonijiet pendenti dan it-Tripartite Committee.

Meta applikat l-attriċi fit-2 ta' Settembru 1998, fl-Imtarfa kien għad ma hemmx spiżeriji iżda minkejja l-*administrative freeze*, fis-sena 1999 kienet ħarġet liċenzja għal spiżerija fit-tarf tal-Imtarfa. Mill-provi prodotti jirriżulta li l-applikazzjoni għal din il-liċenzja kienet waslet għand is-Supretendent tas-Saħħa Pubblika qabel dik tal-attriċi.

Minkejja li kienet saret talba mill-Kunsill Lokali tal-Imtarfa lill-awtoritajiet sabiex l-attriċi tingħata liċenzja biex tibda topera spiżerija mill-proprjeta tagħha, għaliex kien hemm bżonn illi fil-lokal ikun hemm spiżerija oħra, it-talba tagħha baqgħet ma ġietx ipproċessata minħabba l-imsemmija *administrative freeze*.

Sussegwentement, ġie promulgat l-Avviż Legali 279 tal-2007, li reġa impona *demographic ratio* ta' spiżerija waħda għal kull 2500 persuna u ma baqgħetx fis-seħħ l-*administrative freeze*. Għalhekk, fis-sena 2007 reġgħu bdew jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet pendenti f'ordni kronoloġika, biex b'hekk, fit-30 ta' Awissu 2011 u ċioè fil-mori ta' din il-kawża, l-attriċi finalment ingħatat il-liċenzja li applikat għaliha fis-sena 1998 sabiex topera spiżerija mill-proprjetà tagħha.

Dan stabbilit, il-Qorti sejra tibda billi tikkunsidra dawk l-eċċezzjonijiet tal-intimati prinċipali u tal-imsejħa fil-kawża li huma ta' natura preliminari.

L-ewwel eċċezzjoni tal-intimati Tabib Prinċipali tal-Gvern, tal-Awtorità dwar il-Mediċini, tal-Ministru tas-Saħħa u tal-Avukat Ġenerali hija li l-Avukat Ġenerali u l-Ministru tas-Saħħa m'humiex il-leġittimi kontradditturi għal din l-azzjoni a tenur tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħha, l-Awtorità tad-Djar ukoll teċċepixxi li l-ebda waħda mit-talbiet attriċi ma tista' tiġi diretta lejha jew eżegwita minnha.

L-artikolu 181B tal-Kap. 12 jipprovdi fl-ewwel sub inċiż illi:

> "*Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni*."

Din il-Qorti jirriżultalha li minn eżami anke prima facie tal-Kapitolu 458 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioè l-Att dwar il-Mediċini, il-leġittimu kontradittur tal-attriċi huwa s-Supretendent tas-Saħħa Pubblika bid-delega li għandu li jaġixxi f'isem l-Awtorità dwar il-Liċenzjar. Huwa biss dan l-intimat partikolari waħdu, tenut kont ta' kif hija mpostata l-kawża, li għandu *locus standi* f'dawn il-proċeduri.

Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Reginald Fava pro et noe vs Awtorità dwar il-Mediċini et tat-3 ta' Mejju 2011, fejn il-mertu kien simili għall-kawża li għandha quddiemha l-Qorti llum:

> "*Izda fil-fehma tal-Qorti l-Ministru tas-Sahha, l-Anzjani u Kura fil-Komunità mhux moghti l-poter mitlub mir-rikorrenti ghax l-unika Awtorità vestita bid-diskrezzjoni ghall-hrug ta' licenzji bhal dik mertu ta' din il-kawza hija l-Awtorità dwar il-Licenzjar illi effettivament hija t-Tabib Principali tal-Gvern. Il-fatt li l-Ministru huwa responsabbli ghar-regolamenti dwar spizerija ma jwassalx ghall-fatt li l-licenzji jaghtihom hu.*"

Fir-rigward tal-Avukat Ġenerali, fl-istess sentenza ingħad hekk:

> *"Fil-kaz in ezami t-talba dwar il-licenzji trid issir kontra l-Awtorita` dwar il-Licenzjar illi effettivament hija t-Tabib Principali tal-Gvern.*
>
> *Irrizulta li d-decizjoni mertu ta' dawn il-proceduri ttiehdet mill-intimat Supretendent tas-Sahha Pubblika fil-kwalita` tieghu ta' Awtorita` dwar il-licenzjar.*
>
> *Ghalhekk hawn ukoll l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur."*

Għaldaqstant, l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati prinċipali u l-ewwel erbgħa eċċezzjonijiet tal-Awtorità msejħa fil-kawża għandhom jiġu milqugħa.

L-intimati prinċipali jeċċepixxu wkoll illi t-talbiet attriċi huma preskritti bid-dekors ta' sitt xhur a tenur tal-artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Joseph Spiteri et vs Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa et tat-23 ta' Frar 2012, din il-Qorti kif presjeduta diġa kellha opportunità sabiex teżamina eċċezzjoni identika f'ċirkostanzi li kienu pjuttost simili għal dawk li huma l-mertu tal-kawża tal-lum. Kif ingħad fl-imsemmija deċiżjoni ta' din il-Qorti, għalkemm l-artikolu 469A(3) ċitat jimponi l-perjodu ta' sitt xhur mill-għemil lamentat, fil-każ in eżami, l-għemil li qiegħda tilmenta minnu l-attriċi huwa wieħed kontinwu u perdurat stante li huwa n-nuqqas tal-intimati milli jipproċessaw l-applikazzjoni tagħha għal-liċenzja għal spiżerija li huwa l-pern tal-ilment tagħha. Għalhekk din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

Imiss issa li jiġi kkunsidrat il-mertu. Jirriżulta li fil-konfront tal-attriċi, l-intimat Supretendent tas-Saħħa Pubblika, inkarigat bil-liġi sabiex jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu fl-ipproċessar ta' liċenżji, għażel li ma jeżerċitax id-diskrezzjoni mogħtija lilu għal tlettax-il sena. L-unika raġuni wara dan in-nuqqas kienet l-*administrative freeze* li baqgħet fis-seħħ sas-sena 2007.

L-intimati prinċipali jeċċepixxu fil-mertu li l-pretensjonijet vantati mill-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi hija m'għandha l-ebda 'dritt' li tottjeni liċenzja iżda li din il-

liċenzja għal ġestjoni ta' spiżerija tinħareġ a bażi ta' diversi konsiderazzjonijiet li huma fl-interess pubbliku. Huma jeċċepixxu wkoll illi l-politika dwar ir-regolament ta' spiżeriji hija appplikata b'konsistenza u abbażi ta' konsiderazzjonijiet fl-interess pubbliku u m'hijiex animata minn xi motivi mhux xierqa jew konsiderazzjonijiet irrelevanti u għalhekk m'hijiex 'ultra vires'.

Din il-Qorti tibda billi tippreċiża li l-operat tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika huwa sindikabbli f'dan il-każ in kwantu li d-diskrezzjoni amministrattiva għandha tiġi użata u mhux abbużata.

Wara li din il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi kollha prodotti, jirriżulta mingħajr l-iċken dubju li l-unika ostakolu li kienet qiegħda taffaċċja l-attriċi bħala applikant sabiex tingħata liċenzja biex topera spiżerja, kienet il-politika imposta ta' *administrative freeze* li ma kienet ibbażata fuq l-ebda liġi. Dwar din ix-xorta ta' '*policy*' din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Nazzareno Fenech vs Chairman għan-nom tal-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku tad-9 ta' Marzu 2001 qalet hekk:

> "*...id-deċiżjoni li tkun miċħuda t-talba tiegħu ttieħdet fuq bażi ta' 'policy' li ma kinitx speċifikata u mfissra kif trid il-liġi; għalhekk id-deċiżjoni kienet waħda 'ultra vires.'*"

Fis-sentenza ċitata fl-ismijiet Lawrence Borg noe vs Gvernatur tal-Bank Ċentrali, il-Qorti kompliet billi qalet hekk:

> "*Biex jiġi assikurat li din id-diskrezzjoni kienet imwettqa, jeħtieġ li lill-Qorti jirriżultalha li dik l-awtorita' tassew qieset il-kwestjoni li kellha quddiemha, u li dan għamlitu mingħajr l-indħil tal-ebda ħaddieħor jew bla ma poġġiet lilha nnifisha f'qagħda fejn ma setgħetx jew irrifjutat li twettaq dik id-diskrezzjoni. Siewi wkoll li jiġi aċċertat li l-awtorita' mistħarrġa m'għamlitx dak li kienet espressament miżmuma milli tagħmel, jew jekk għamlitx xi ħaġa li ma kinitx awtorizzata tagħmel. Fuq kollox, l-awtorita' mistħarrġa trid tkun imxiet bona fide u qieset il-konsiderazzjonijiet rilevanti tal-każ. Dawn huma, fil-qosor,*

*il-ġabra tal-kategoriji fid-Dritt Amministrattiv ta' nuqqas ta' eżerċizzju ta' diskrezzjoni u ta' eċċess jew abbuż ta' dak l-eżerċizzju."*

Huwa preċiżament dak li eventwalment ġara fil-każ in eżami, in kwantu li issa li spiċċat l-'*administrative freeze*' li ġiet imposta minħabba r-reazzjoni negattiva tal-operaturi fis-settur, finalment ġiet ipproċessata l-applikazzjoni tal-attriċi. Iżda jibqa' l-fatt li għal tlettax-il sena sħaħ, l-attriċi ġiet imċahhda minn liċenzja sabiex topera spiżerija mill-proprjeta tagħha, proprjeta li ngħatat lilha mill-Awtorità tad-Djar proprju għal dak il-għan, mingħajr l-ebda raġuni valida fil-liġi. Il-liġi li trid tiġi applikata hija l-liġi li kienet eżistenti meta l-attriċi applikat biex tingħata liċenzja. Ir-responsabbiltà sabiex jipproċessa l-applikazzjonijiet hija biss tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika in kwantu li huwa l-persuna awtorizzata bil-liġi sabiex jiddeċiedi jekk persuna għandhiex tingħata liċenzja jew le u l-ebda Tripartite Committee ma huwa awtorizzat bil-liġi sabiex jieħu deċiżjonijiet minfloku (Reginald Fava pro et noe vs Awtorità dwar il-Mediċini et, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-3 ta' Mejju 2011).

Din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Joseph Spiteri et vs Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa et tad-29 ta' April 2015 għamlet riferenza għal dak li qal l-Ombudsman dwar il-kwistjoni tal-*administrative freeze* fis-settur tal-liċenzjar tal-ispiżeriji:

*"7. Administrative law in Malta is based on the concept of the rule of law. Regulations have the vetting (or blessing of Parliament which is the highest authority and alone competent to introduce restrictions at law. The regulations as they can stand specify the conditions that must be satisfied for the grant of a pharmacy licence. Once these are satisfied, the licence cannot be withheld. The adminsitrative decision that imposed the freeze could be an acceptable interim measure provided it is a short term measure. Since the freeze did not have the 'blessing' of Parliament, its retention as a matter of policy is "ultra vires"."*

Ikkonkluda hekk l-Ombudsman:

> *"It seems to me that is extremely difficult for the administration to argue that the freeze under review is justified according to these criteria. For the best part of ten year at least complainant and others in his situation have been deprived of the exercise of their fundamental right to exercise the profession of their choice without apparently being given a reasonable, plausible and just explanation for such an extreme restriction. It would appear that complainant's fundamental right to work and to trade has been put in deep freeze, in circumstances in which the principles of proportionality can hardly be invoked. Since the freeze has now lasted ten years, I again stronly urge the Health Division to resolve the present impasse. Considering that in my opinion the freeze in question constitutes a violation of fundamental human rights or, at least is a threat to them. I am recommending that such solution be reached as soon as possible."*

Kif ingħad minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Reginald Fava pro et noe vs Awtorita` dwar il-Mediċini et tat-3 ta' Mejju 2011 ċitata:

> *"Din il-Qorti kif presjeduta certament li ma taqbilx mar-ragunar ta' l-ewwel parti ta' din il-kwotazzjoni. Ic-cittadini li jitolbu licenzji eccetra, ghandhom* ***DRITT*** *ghalihom jekk konformi mal-ligi u m'hu ebda pjacir ta' ebda ufficjal amministrattiv li jaghmel xogholu kif suppost. Kif jghid l-istess supretendent fit-tieni parti ta' din il-kwotazzjoni hija li hu jevalwa b'mod korrett l-applikazzjoni u japplika l-ligi, u d-decizjoni tista' tkun kemm pozittiva kif ukoll negattiva. Bhal Gudikant, hu ghandu l-obbligu li jiddeciedi wara li jevalwa l-fatturi kollha, u ma jaghti kaz ta' ebda kunsiderazzjoni ohra, izda hu ferm zbaljat li jghid li r-rikorrent* ***QATT*** *ma ghandu dritt ghal licenzja, ghax jekk it-talba tieghu hija konformi mal-ligi, ir-rikorrent ghandu* ***DRITT*** *ghaliha.*
>
> *Ghalhekk jirrizulta li r-rikorrenti kellu kull dritt li jitlob li l-Qorti tissindika l-operat dwar il-hrug ta' licenzja fil-*

*parametri oggettivi elenkati mil-ligi. Il-Qorti ghandha l-obbligu tissindika l-eghmil amministrattiv biex tevalwa jekk kienx ultra vires u jekk gewx osservati r-regolamenti kollha u l-kriterji li johorgu mil-ligi. Irid isir l-istharrig gudizzjarju u l-Qorti ghandha gurisdizzjoni tistharreg il-validita` ta' l-eghmil amministrattiv u f'xi kazijiet tiddikjara eghmil null, invalidu u minghajr effett (may enquire into the validity of any administrative act)."*

F'dan il-kuntest, il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Reginald Fava vs Supretendent tas-Saħħa Pubblika et tas-7 ta' April 2010 li kienet tirrigwarda t-talba tal-attur, li kellu diġa liċenzja sabiex jopera spiżerija minn ħanut fi Pjazza l-Ħelsien il-Belt, biex, b'mod temporanju, jirriloka għall-ħanut band'oħra sakemm jitlesta l-proġett ta' Bieb il-Belt:

*"L-interpretazzjoni ta' dak li huwa ekwu u ragjonevoli jista' jkun soggettiv. Din izda tista' tkun diffikulta` aktar apparenti milli reali. Id-drittijiet tac-cittadin huma garantiti mill-Kostituzzjoni taghna. Fl-istess waqt il-gustizzja, l-ekwita` u r-ragjonevolezza huma principji li ghandhom janimaw l-interpretazzjoni tal-istess. F'cirkostanzi normali, ir-ragjonevolezza ghandha tikkwalifika l-ezercizzju ta' kwalsiasi diskrezzjoni esekuttiva anke jekk il-ligi stess ma ssemmix jew ma tikkwalifikax espressament tali diskrezzjoni.*

*Lord Greene MR fil-kawza* ***Associated Provincial Picture Houses Ltd vs Wednesbury Corporation*** *(1948) 1 KB 223 at 229 jghid hekk:*

*"It is true that discretion must be exercised reasonably. Now what does that mean? Lawyers familiar with the phraseology used in relation to exercise statutory discretions often use the word 'unreasonable' in a rather comprehensive sense. It has frequently been used and is frequently used as a general description of the things that must not be done. For instance, a person entrusted with a discretion must, so to speak, direct himself properly in law. He must call his own attention to matters which he is*

*bound to consider. He must exclude from his consideration matters which are irrelevant to what he has to consider. If he does not obey those rules, he may truly be said and often is said to be acting unreasonably."*

*Wara li qieset il-provi akkwiziti, din il-Qorti frankament ma tistax tifhem ghaliex il-potenzjal ta' reazzjoni ngustifikata da parti ta' terzi ghandha tinfluwenza negattivament id-decizjoni tal-intimat Supretendent tas-Sahha Pubblika a skapitu tal-pretensjonijiet legittimi tar-rikorrent.*

*L-awturi "**Wade & Forsyth" – "Administrative Law**" - Tenth Edition – Oxford University Press – 2009 – pg. 305) jghidu hekk –*

*"Reasonableness does not require reasons to be stated. The only significance of withholding reasons is that if facts point overwhelmingly to one conclusion the decisionmaker cannot complain if he is held to have had no rational reason for deciding differently and that in the absence of reasons he is in danger of being held to have acted arbitrarily."*

*Lord Esher MR fil-kawza "**R v. St. Pancras Vestry (1980)**" 24 QBD 371 at 375 qal hekk –*

*"If people who have to exercise a public duty by exercising their discretion take into account matters which the courts consider not to be proper for the exercise of their discretion, then in the eye of the law they have not exercised their discretion."*

*Din il-Qorti tghid li, tenut kont tal-fatt li t-talba tar-rikorrent hija limitata fiz-zmien fil-kuntest tac-cirkostanzi partikolari u specjali tal-kaz, il-pretensjonijiet ta' terzi li jistghu jinfluwenzaw id-decizjoni tas-Supretendent tas-Sahha Pubblika kif citat ghandhom jitqiesu bhala rrilevanti ghall-fini tad-decizjoni li ghandu jiehu l-istess Supretendent tas-Sahha Pubblika.*

*Kif inghad fid-decizjoni fil-kawza "**R v. Immigration Appeal Tribunal ex p. Bakhtaur Singh 1986 1 WLR 910**"* –

*"A threat by that community to instigate a strike would be improper and therefore irrelevant."*

*Inoltre –*

*Kif jghidu l-awturi "**Wade & Forsyth**" op. cit. f'pag.322 - 323 –*

*"Where discretion is conferred upon a minister of the Crown the range of legitimate considerations is likely to be wider than it would be in the case of a judge who can consider legal relevance only. The decision-maker must take the obligatory relevant considerations into account and if he fails to do so the judicial review will set him right. But the weight to be attached to any consideration is a matter for the decision-maker. The court will only intervene if manifestly excessive or manifestly inadequate weight is given to a relevant consideration."'*

Applikat dan l-insenjament għall-kawża tal-lum, din il-Qorti jirriżultalha li ma kien hemm l-ebda bażi legali jew raġuni valida għalfejn l-applikazzjoni tal-attriċi baqgħet ma ġietx ipproċessata għal snin sħaħ, għaliex kienet ibbażata fuq '*policy*' li imponiet *administrative freeze* fuq ħruġ ta' liċenzji. Id-decizjoni tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika ma kellhiex tkunx motivata mill-biża reali jew preżunta ta' azzjoni jew reazzjoni ta' terzi, kif jirriżulta li ġara fil-każ tal-lum, liema biża kienet ir-raġuni ewlenija wara l-*administrative freeze* li ċaħdet lill-attriċi mid-drittijiet tagħha għal snin sħaħ. Għaldaqstant, din il-Qorti ssib illi l-mod kif eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu s-Supretendent tas-Saħħa Pubblika fiż-żmien illi kienet fis-seħħ l-imsemmija '*administrative freeze*' kienet ultra vires għaliex huwa ma segwiex kriterji stabbiliti mil-liġi.

Għal dak li jirrigwarda ir-raba' u ħames talbiet attriċi, il-Qorti tqis illi fil-mansjonijiet tagħha preżenti dawn ma jistgħux jiġu kkunsidrati in kwantu li huma kwistjonjiet li jaqgħu fil-

kompetenza esklussiva ta' din il-Qorti fis-sede kostituzzjonali tagħha. Din hija kawża taħt il-proċedura ta' stħarriġ amministrattiv u mhux taħt il-proċedura li tirregola kawżi dwar drittijiet fondamentali.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tillibera lill-Avukat Ġenerali, Ministru tas-Saħħa, l-Awtorità dwar il-Mediċini u l-Awtorità tad-Djar mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Tilqa' t-tieni u tielet talbiet attriċi kif dedotti kontra t-Tabib Prinċipali tal-Gvern;

3. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel, sitt u seba' talbiet attriċi in kwantu li fil-mori tal-kawża l-attriċi ngħatat liċenzja sabiex topera spiżerija mill-fond proprjetà tagħha fl-Imtarfa Government Estate, Town Centre, Imtarfa;

4. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' u ħames talbiet attriċi in kwantu li din il-Qorti fil-kompetenza ordinarja tagħha m'għandhiex il-mansjoni sabiex tikkunsidra l-imsemmija talbiet;

Spejjeż tal-kawża jitħallsu in kwantu għal 1/5 mill-attriċi u 4/5 mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern b'dan illi l-ispejjeż tal-Awtorità tad-Djar għandhom jitħallsu kollha mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern.

IMHALLEF

DEP/REG